MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2012

Numru 37/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Duncan Deguara**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 37 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat Duncan Deguara li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fid-disgha u ghoxrin (29) ta` Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) kmieni filghodu ghal-habta tat-tlieta (3.00am) l-akkuzat DUNCAN DEGUARA kien qieghed jahdem bhala Gwardjan Privat/*Security* fl-istabbiliment Footloose gewwa Paceville, San Giljan. Hin minnhom certu Suleiman Ismail Abubaker, persuna ta` nazzjonalita` Sudaniza, ried jidhol fl-istabbiliment Footloose pero l-akkuzat ma halliehx. Ftit tal-hin wara l-akkuzat ra li dan Suleiman Ismail Abubaker xorta irnexxielu jidhol fil-Footloose u kien qieghed jixrob ma` wiehed mill-bars li hemm gewwa l-Footloose. X`hin

ra hekk l-akkuzat DUNCAN DEGUARA mar fuq Suleiman Ismail Abubaker u beda jimbuttah sabiex johrog il-barra ghax ma ridx li din il-persuna tibqa gewwa dan l-istabbiliment. Hin minnhom DUNCAN DEGUARA imbutta vjolentement lil Suleiman Ismail Abubaker minn sidru tant li konsegwenza ta` dina d-daqqa Suleiman Ismail Abubaker waqa’ u habat rasu ma` l-art. Minhabba dan l-agir vjolenti minn naha tal-akkuzat, Suleiman Ismail Abubaker garrab offiza gravi fuq il-persuna tieghu u cioe` frattura tal-kranju li gabet maghha emoragija kbira intra-celebrali. Sfortunatament, minhabba dawn il-griehi gravi li garrab, l-kundizzjoni medika ta` Suleiman Ismail Abubaker kompliet tmur ghal-aghar tant li fid- disgha (9) ta` Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009) huwa miet l-Isptar Mater Dei.

Illi b`ghemilu l-imsemmi DUNCAN DEGUARA sar hati li ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna li biha grat il-mewt minhabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali ta` l-offiza, u mhux ghal xi kawza accidentali li nqalat wara, b`dan li l-mewt grat fi zmien erbghin gurnata li jibdew jghoddu mill-ahhar nofs il-lejl ta` qabel id-delitt.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi DUNCAN DEGUARA hati ta` offiza gravi fuq il-persuna li biha grat il-mewt minhabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali ta` l-offiza, u mhux ghal xi kawza accidentali li nqalat wara, b`dan li l-mewt grat fi zmien erbghin gurnata li jibdew jghoddu mill-ahhar nofs il-lejl ta` qabel id-delitt.

Talab li jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghal-piena ta` prigunerija minn sitt snin sa ghoxrin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 216(1), 220(1)(a) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht c-cirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap ta` dan l-Att tal-Akkuza u cioe` fid- disgha u ghoxrin ta` Mejju tas-sena elfejn u disa` (2009) kmieni filghodu l-akkuzat

DUNCAN DEGUARA kien qieghed jahdem bhala Gwardjan Privat gewwa l-istabbiliment Footloose li jinsab f`Paceville, San Giljan. L-akkuzat ma kellux licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jahdem bhala Gwardjan Privat.

Illi b`ghemilu l-imsemmi DUNCAN DEGUARA hadem jew kien impjegat bhala Gwardjan Privat minghajr ma kellu l-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi DUNCAN DEGUARA hati talli hadem jew kien imjegat bhala Gwardjan Privat minghajr ma kellu l-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Talab li jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta` multa ta` mhux izjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u hamsin ewro u hamsa u  sebghin centezmu (4,658.75) u prigunerija ta` mhux izjed minn sitt xhur jew dik il-multa u prigunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 3 u 25(b) tal-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali (Kap 389) jew ghal kull piena ohra li skond il-Ligi tista tinghata ghall-htija ta` l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b’vot unanimu sabu lill-akkuzat Duncan Deguara **mhux hati** ta’ l-ewwel Kap ta’ l-Att tal-Akkuza.

Rat il-verdett tal-gurati li bih bi tmin (8) voti favur u wiehed (1) kontra sabu lill-akkuzat Duncan Deguara hati tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza u ghalhekk tiddikjarah hati ta’ dan il-Kap u wara li rat l-artikolu 3 u 25(b) tal-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali (Kap. 389) tikkundanna lill-hati ghal multa ta’ €500.

Tiddikjara lil Duncan Deguara mhux hati tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w minnu tilliberah u wara li rat l-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali tiddikjarah mehlus, u, jekk mhux detenut ghar-ragunijiet ohra, tordna li jigi liberat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------